VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 253 tal-2011

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 54 tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku, il-Ministru għall-Infrastruttura, Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni mal-Awtorità għat-Trasport f'Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti tal-2011 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġata (Emenda Nru. 2), u dawn għandhom jinqraw u jiftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1969 dwar is-Sinjali tat-Traffiku u l-Marki tal-Kareġġata, hawn iżjed 'il quddiem imsejħin "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 tal-1969.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-3 ta' Lulju, 2011.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minflok il-kliem "mid-Direttur tax-Xogħlijiet Pubbliċi jew mill-Kummissarju tal-Pulizija jew mill-Awtorità dwar it-Trasport Pubbliku jew f'isem jew fuq direzzjoni tagħhom" għandhom jidħlu l-kliem "mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta jew f'isem jew fuq direzzjoni tagħha".

Jemenda l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

3. L-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali għandha tiġi emendata kif ġej:

(a) minflok is-subparagrafu (g) tal-paragrafu E tat-Taqsima II għandu jidħol dan li ġej:

"(g) Din il-pjanċa turi l-postijiet ta' twaqqif għall-*motor route buses* u vetturi speċifikament awtorizzati mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta biex jieqfu f'postijiet bħal dawk skont ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri. Vetturi bħal dawk jistgħu jieqfu biss fil-kaxxa definita bil-linji sofor lonġitudinali u linji sofor trasversali miksurin f'dawk il-postijiet awtorizzati.

(9)



BUS STOP";

(b) minnufih wara s-subparagrafu (g) tal-paragrafu (E) tat-Taqsima II għandhom jiżdiedu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:


"(*h*) Dawn is-sinjali juru li l-mgħodija tat-traffiku hija riservata għal:

i. vetturi bil-mutur mibnija jew adattati biex iġorru aktar minn 8 passiġġieri (minbarra x-xufier);

ii. *taxis*

waqt il-ħin muri fil-parti t'isfel tal-pjanċa. Fil-pjanċa jista' jiġi nkluż simbolu ta' karrozzin, jew *motorcycle* jew ta' ċikletta bil-pedali li jindika li l-mogħdija tat-traffiku hija, minbarra għall-vetturi msemmija hawn qabel, riservata wkoll għall-karrozzini, *motorcycles* jew għaċ-ċikletti bil-pedali.

(10)



MOGĦDIJIET TA' PREĊEDENZA GĦAL VETTURI
FL-ISTESS DIREZZJONI TAT-TRAFFIKU

(11)



MOGĦDIJIET TA' PREĊEDENZA GĦAL VETTURI
FL-ISTESS DIREZZJONI TAT-TRAFFIKU

Sinjal li jitpoġġa f'postijiet intermedjarji tul mogħdija ta' preċedenza għal vetturi fl-istess direzzjoni tat-traffiku

(*i*) Is-sinjal li ġej jitwaħħal f'karreġġati li jaqsmu karreġġata oħra li fuqha jkun hemm mogħdija ta' preċedenza għal vetturi fl-istess direzzjoni tat-traffiku.

(12)



MOGĦDIJA TA' PREĊEDENZA GĦAL VETTURI FI TRIQ
B'SALIB IT-TOROQ 'IL QUDDIEM

(*j*) Is-sinjal li ġej juri li mogħdija ta' preċedenza għal vetturi fl-istess direzzjoni tat-traffiku ġiet fi tmiemha.

(13)



TMIEM IL-MOGĦDIJA TA' PREĊEDENZA";

(ċ) minflok il-partita (i) tal-paragrafu Ċ tat-Taqsima IV għandu jidħol dan li ġej:

"(i)

(*a*)



(*b*)



BUS BAYS

Motor route buses u vetturi awtorizzati skont ir-regolament 69 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri għandhom jiġu misjuqa għal ġol-kaxxa murija bil-linji sofor longitudinali u linji sofor trasversali miksurin kull meta jkunu qegħdin joqorbu *bus bay* u jistgħu jieqfu temporanjament biex iniżżlu jew irikkbu l-passiġġieri jew għal waqfa qasira. Vetturi, li ma jkunux *motor route buses* u vetturi awtorizzati skont ir-regolament 69 tar-Regolamenti dwar Servizzi

ta' Ġarr ta' Passiġġieri, ma jistgħux jieqfu fil-kaxxa murija bil-linji sofor longitudinali u linji sofor trasversali miksurin.

Il-*Bus bays* jistgħu jingħataw kisja b'materjal ikkulurit biex jiġu demarkati b'aktar saħħa u biex vetturi oħra jiġu skoraġġiti milli jidħlu fihom. Iżda, il-kisja kulurita ma fiha l-ebda sinifikat legali; huma s-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-toroq ordnati li jistabbilixxu l-istatus legali ta' *bus bay.*

(*c*)



(*d*)




BUS LAY-BY

Motor route buses u vetturi awtorizzati mill-Awtorità għat-Trasport f'Malta skont ir-regolament 69 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri jistgħu jieqfu temporanjament fil-kaxxa murija bil-linji sofor longitudinali u linji sofor trasversali miksurin. Vetturi, li ma jkunux *motor route buses* u vetturi awtorizzati skont ir-regolament 69 tar-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri, ma jistgħux jidħlu 'l ġewwa mil-linja safra longitudinali miksura.

Il-*Bus lay-bys* jistgħu jingħataw kisja b'materjal ikkulurit biex jiġu demarkati b'aktar saħħa u biex vetturi oħra jiġu skoraġġiti milli jidħlu fihom. Iżda, il-kisja kulurita ma fiha l-ebda sinifikat legali; huma s-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-toroq ordnati li jistabbilixxu l-istatus legali ta' *bus lay-bys*.";

(d) minnufih wara s-subparagrafu (xvi) tal-paragrafu Ċ tat-Taqsima IV għandhom jidħlu dawn is-subparagrafi ġodda li ġejjin:

(xvii)






(xvii) jindika li f'din il-mogħdija riservata jistgħu jiġu misjuqa biss il-vetturi identifikati fuq is-sinjali tal-mogħdija ta' preċedenza fl-istess direzzjoni tat-traffiku (id-dijagrammi x u y) waqt il-ħinijiet tal-operat murija fuq is-sinjal. Il-mogħdijiet ta' preċedenza jistgħu jingħataw kisja b'materjal ikkulurit biex jiġu demarkati b'aktar saħħa u biex vetturi oħra jiġu skoraġġiti milli jidħlu fihom. Iżda, il-kisja kulurita ma fiha l-ebda sinifikat legali; huma s-sinjali tat-traffiku u l-marki tat-toroq ordnati li jistabbilixxu l-istatus legali ta' mogħdija ta' preċedenza.

(xviii)




(xviii) jindika li qed tiġi fi tmiemha mogħdija ta' preċedenza fl-istess direzzjoni tat-traffiku.

(xix)



(xix) jindika li mogħdija ta' preċedenza hija nterrotta biex tippermetti lil vetturi biex jużaw il-mogħdija ta' fuq ix-xellug qabel ma jduru fuq ix-xellug għal ġo triq oħra fuq il-ġemb.

(xx)



(xx) Meta jiltaqgħu ma' dan is-sinjal, is-sewwieqa għandhom, skont il-kondizzjonijiet li jkunu jeżistu, jagħtu preċedenza lill-*motor route buses* li jkunu ħerġin minn ġo *bus bay* jew *bus lay-by*.".